# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 320/12/1 GM**

**Michelangelo Camilleri u skont digriet tal-4 ta' Jannar 2024, l-atti qed jiġu trasfużi f'isem Maddalena Camilleri *stante* l-mewt ta' Michelangelo Camilleri**

**v.**

**Victoria Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Ġunju, 2022, li permezz tagħha kkonkludiet: (i) li ma setgħetx tieħu qies tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta minħabba l-ixkiel tal-ġudikat; u (ii) li ċ-ċedola ta' fidi ta' ċens

u ċ-ċedola ta' depożitu tal-istess ċens, li dwarhom l-attur ressaq din il-kawża, huma nulli u bla effett fil-konfront tal-istess attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Marzu, 2012, Michelangelo Camilleri stqarr li fis-16 ta' Awwissu, 2000, huwa kien irċieva ittra mingħand il-konvenuta Victoria Azzopardi, li magħha hemżet ċekk bl-ammont ta' żewġ liri Maltin, bħala kera ta' nofs il-post bin-numru uffiċjali 6, li jinsab ġewwa sqaq numru wieħed fi Triq Santa Luċija fin-Naxxar, u dan għal perjodu ta' bejn il-15 ta' Awwissu, 2000 u l-15 ta' Awwissu, 2001.

3. Irrakkonta li wara dan l-episodju, il-konvenuta Azzopardi ppreżentat ċedola ta' fidi ta' ċens li biha *«ppretendiet li ċ-ċens perpetwu in konnessjoni ma' l-istess fond ġie mifdi.»* Għamel ukoll referenza għall-fatt li fl-10 ta' Ottubru, 2011, l-istess konvenuta ppreżentat ċedola ta' depożitu bl-ammont ta' disa' ewro, u tnejn u tletin ċenteżmu (€9.32) għall-ħlas ta' *«ċens annwu u perpetwu»* dwar l-istess fond.

4. Issokta billi fisser li l-fond, li dwaru tressqu ċ-ċedoli, kien mikri lil Victor Galea, għas-somma ta' żewġ liri fis-sena. Qal ukoll li b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera, dik il-kirja kienet żdiedet għal erba' liri Maltin fis-sena.

5. Fuq il-premessa li *«l-fond huwa mikri lill-intimata u għalhekk iċ-ċedola ta' fidi u ċ-ċedola ta' depożitu ta' ċens huma nulli»,* l-attur talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«Tiddikjara prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, li ċ-ċedola ta' fidi ta' ċens u ċ-ċedola ta' depożitu ta' ċens huma nulli u bla effett fil-konfront tal-attur.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi minn issa inġunta għas-subizzjoni. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja datata 25 ta' Ottubru 2011 u tal-protest.»*

6. Bi tweġiba maħlufa mressqa fl-20 ta' Novembru, 2012, Victoria Azzopardi laqgħet għall-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu inkwantu hija priva minn kull fundament ġuridiku u fattwali;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aventi causa tar-rikorrenti kien ikkonċeda l-fond mertu ta' din il-kawża lill-aventi kawża tal-intimata b'titolu ta' ċens perpetwu permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tal-5 ta' Awwissu 1906 u ġaladarba l-istess att ma kienx jipprospetta modalità ta' fidi ad hoc, il-fidi li seħħ permezz taċ-ċedola li qed tiġi impunjata permezz ta' din il-kawża kien wieħed validu fil-liġi.»*

7. B'digriet mogħti fil-magħluq fil-jum tas-6 ta' Jannar, 2020 (f'paġni 632 sa 633 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti għarrfet lill-partijiet li kienet qiegħda tqanqal minn rajha l-eċċezzjoni tal-ġudikat u dan fid-dawl ta' sentenza oħra li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 1999, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Michelangelo Camilleri v. Victoria mart Antonio Azzopardi et***, u li fiha dik il-Qorti kienet sabet li l-fond bl-indirizz 6, ġewwa sqaq numru wieħed fi Triq Santa Luċija fin-Naxxar, huwa

proprjetà tal-attur Michelangelo Camilleri.

8. Bl-istess digriet, il-Qorti wara li għamlet referenza lejn l-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, stiednet lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dak il-punt fis-seduta li kien imiss, u rriżervat ukoll lill-partijiet il-jedd li jressqu l-provi fir-rigward.

9. Fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2020, il-partijiet trattaw il-kawża, inkluż l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

10. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi kkonkludiet li hija ma setgħetx tieħu qies tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta minħabba l-ixkiel tal-ġudikat. Fid-dawl ta' dan, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ddikjarat li ċ-ċedola ta' fidi ta' ċens u ċ-ċedola ta' depożitu tal-istess ċens, li dwarhom l-attur ressaq din il-kawża, huma nulli u bla effett fil-konfront tal-istess attur. Il-Qorti ordnat ukoll lill-konvenuta sabiex tħallas l-ispejjeż.

11. Fost ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

*«Illi l-attur esebixxa, permezz ta' nota a fol 45 tal-proċess, sentenza li*

*skontu «tikkonferma li l-attur huwa sid il-fond 6, Sqaq Nru. 1, Triq Santa Lucia, Naxxar li minnha m'hemmx appell». Is-sentenza esibita ngħatat minn din il-Qorti, diversament ippreseduta fil-15 ta' Novembru 1999 u kienet infetħet minn Michelangelo Camilleri – l-attur f'din il-kawża – kontra Victoria mart Antonio Azzopardi – il-konvenuta f'din il-kawża – u oħrajn. Il-Qorti, f'dik is-sentenza laqgħet l-ewwel talba tal-attur u ddikjarat li l-fond imsemmi «**huwa proprjetà tal-attur»**. M'hemmx dubju li din is-sentenza toħloq l-ostaklu tal-ġudikat fil-konfront tal-konvenuta. Tabilħaqq, it-talba mhix l-istess. Fil-kawża preżenti m'hemmx talba li l-attur huwa sid il-post; iżda t-talba hija biex titneħħa l-pretensjoni tal-konvenuta li hija kienet tippossjedi l-utli dominju perpetwu tal-istess fond u konsegwentement fdietu b'mod li saret sid tiegħu liberu u frank. It-talba preżenti hija għalhekk **konsegwenzjali** għall-pronunzjament li l-attur huwa sid il-post; id-difiża min-naħa l-oħra tippresupponi li l-attur jippossjedi biss id-dirett dominju u li l-utile dominju huwa possedut mill-konvenuta. M'hemmx dubju li, kemm-il darba titqanqal l-eċċezzjoni tal-ġudikat; il-kwistjoni preżenti trid tiġi riżolta fid-dawl tal-pronunzjament tal-istess sentenza li l-uniku sid tal-proprjetà huwa l-attur. Kif inhuwa magħruf,*

> *«Intqal ukoll illi għalkemm biex jista' jiġi nvokat il-ġudikat, hemm bżonn l-identità tal-oġġett, din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel **ċitazzjoni (Antonio Abela v. Giuseppe Fenech**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Frar, 1946). Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistgħu permezz ta' kawża oħra jiftħu t-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li ġa ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li ġa għaddiet f'ġudikat **(P.L. Roberto Tabone noe v. Joseph Cannataci**, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 6 ta' Marzu 1946)» (**Care Services Limited v Muscat Mario 13.11.2009 Qorti tal-Appell (PS))***

*Illi din l-eċċezzjoni, il-Qorti tista' tqanqalha biss kemm-il darba l-eċċezzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku, u allura ma taqax taħt ir-regola li l-parametri tal-azzjoni – hekk kif posti mill-azzjoni u mill-eċċezzjoni – huma mħollijin għall-partijiet u l-Qorti ma tistax tindaħal fihom;*

*Illi din il-Qorti tagħraf li jekk l-eċċezzjoni hix waħda ta' ordni pubbliku jew le hija ferm dibattibbli. M'hemm l-ebda qbil fuqha; mhux biss fil-ġurisprudenza Maltija, imma wkoll fid-dottrina u ġurisprudenza estera. Saħansitra leġislazzjonijiet ta' stati differenti – fejn dawn jitrattaw espressament din il-materja – huma kontrastanti u wħud minnhom biddlu l-orjentament tagħhom matul iż-żmien;*

*Illi fil-kodiċi ta' proċedura ċivili tal-**Istat tal-Vatikan** kien hemm ċar u tond li «l'eccezione di cosa giudicata, oltre che dalle parti, può essere fatta valere dal promotore di giustizia nei casi di cui all'art. 11 e **deve essere rilevata d'ufficio**, salvo il disposto dell'art. 373, no 3 (art. 306, § 1 e 2. L-istess iż-**ZPO Awstrijakk** (§§ 411 II, 240 III), u l-kodiċi tal-proċedura ċivili **Portugiż** (Art. 505). Għall-kuntrarju, il-kodiċi Awstrijakk preċedenti kien ipoġġi l-eċċezzjoni tal-ġudikat fid-dominju tal-partijiet*

*(Canstein, Lehrbuch des oesterr. Civilprocessrecht, I, pp. 337, 603; II, p. 79);*

*Della Rocca, Istituzioni di diritto processuale canonico, Torino, 1946 nora 8 a p 356, f'kumment dwar il-**kodiċi kanoniku tal-1917** (abrogat fil-1983) josserva li l-eċċezzjoni tal-ġudikat «**può essere sollevata anche di uffico dal giudice, essendo di ordine pubblico** i motivi che giustificano l'istituto della cosa giudicata». The same position remains in the present code of canon law promulgated in 1983: Can. 1642 § 2: «(an adjudged matter)… gives the right to an exception of an adjudged matter; to prevent a new introduction of the same case, the **judge can even declare such exception ex officio**» (quam iudex ex officio quoque declarare potest ad impediendam novam eiusdem causae introductionem);*

***Id-dottrina Ġermaniża** ssostni **r-rilevabilità ex officio** tal-eċċezzjoni tal-ġudikat (Lent, Zivilprozessrecht, §62, p. 163).*

*Fid-dottrina Franċiża, il-maġġoranza tal-kittieba antiki kienu jgħidu li l-imħallef ma jistax jirrileva ex officio l-eċċezzjoni tal-ġudikat. (Merlin, Repertoire, Chose jugee § XX, n. 1). Dan il-ħsieb jidher li nbidel fi żminijiet iktar riċenti. **Morel,** Traitè elementaire de procedure civile, Paris, 1949, n. 577, p. 450 jafferma li huwa fl-interess tal-ordni pubbliku li l-ġudikat jiġi rrispettat u li l-proċessi ma jkunux jistgħu jiġi mibdija mill-ġdid indefinittivament. Madankollu jfakkar li **l-ġurisprudenza Franċiża tqis il-ġudikat bħala regola ta' interess privat** u għalhekk ma tammettix it-tqanqil ex officio tal-eċċezzjoni tal-ġudikat. Fi żmien saħansitra iktar riċenti, taħt il-kodiċi ta' proċedura ċivili ġdid istitwit b'digriet nru 75-1123 tal-5 ta' Diċembru 1975, **Cadiet** u **Jeuland (**Loic Cadiet, Emmanuel Jeuland, Droit Judiciare Prive 10 edition, 2017, para 726, paġna 624) jgħidu li:*

> *«toute nouvelle demande identique à celle qui a ete l'object du jugement serait irrecevable; elle se heurterait à un moyen de defense couramment appele 'exception de chose jugée qui est, en realite, une fin de non recevoir (art. 122). **Cette fin de non-recevoir peut donc etre souleveee par les parties et, d'office, par le juge**.» **(**Cass. 2nd civ., 15 sept 2005: Procedures 2005, n. 248, obs. Perrot)*

*Id-**dottrina Taljana** l-iktar awtorevoli ssostni r-rilevabilità ex officio tal-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara per eżempju Achille Gatti, Dell'autorità del giudicato civile, Torino 1962; Mortara, Comment II, n. 201, p 288; Liebman, Micheli, Valcavi, Attardi, Pavanini, u Vellani), u ċerti kittieba jsostnu li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tiġi proposta ex officio biss għall-ġudikat iffurmat fl-ambitu tal-istess proċess (per eżempju Labriola, Cioffi, Ciffo Bonaccorso, Giudiceandrea, De Maio, u Borgo S. Dalmazzo).*

*Min-naħa l-oħra, il-**ġurisprudenza Taljana** preponderanti **tqis li l-eċċezzjoni ma tistax titqanqal ex officio** billi sservi ta' garanzija għas-soġġetti privati li jkunu kisbu favur tagħhom l-għarfien tal-ġid*

*kontrovers (Cass., sez. II, 23 maggio 2000, n. 6736) għalkemm hemm sentenza importanti tal-Qorti tal-Kassazzjoni li tistabbilixxi bil-kontra (Cass. sez. un., 25 maggio 2001, n. 226);*

*Illi* ***d-duttrina Taljana*** *tressaq argumenti kemm sistematiċi kif ukoll eseġetiċi:*

*Mill-**punto di vista sistematiku**, wieħed irid iqis il-funzjoni tal-proċess, is-sinfikat tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni:*

> *«constatato che il processo soddisfa un interesse pubblico, sembra che si possa ritenere che le parti non abbiano la facoltà di disporre del risultato di esso, almeno nel senso di chiedere una nuova pronuncia sulla medesima causa» (Micheli, Sulla natura giuridica dell'eccezione di cosa giudicata cit. 84) .*

> *«Stante, cioè, il carattere della funzione giurisdizionale, diventa difficile disconoscere rilevanza pubblicistica agli effetti della cosa giudicata, i quali consituiscono il suggello dell'autorità giudicante» (Andrea Proto Pisani, Giurisprudenza Sistematica di Diritto Processuale Civile, 2a ed., Il Giudicato Civile, pagna 60; Chiovenda, Betti, Micheli, Heinitz, I Limiti Soggettivi,99-100; Liebman, Efficacia ed autorità cit. 40; Rocco; Pugliese 832, il quale rileva che interest rei pubblicae ut sit litium finis.).*

*L-immutabilità tal-ġudikat titnissel:*

> *«tout court dall'esaurimento dei poteri processuali dei legitimi contradictores e del giudice (nemo iudex sine actore) in relazione al dato rapporto controverso: esaurimento che, secondo il diritto positivo (art. 324 c.p.c.), si verifica, per via di consumazione e di preclusione, nel processo di formazione della pronuncia. Infatti, esauriti tali poteri, non soltanto è impossibile aggredire la sentenza mediante impugnazione, ma nemmeno si può incardinare una nuova causa sullo stesso oggetto: affinchè i legitimi contradictores potessero riproporre, in prime cure, la stessa questione e un giudice potesse nuovamente giudicarla, orrorrerebbe che la legge conferisce loro i relativi indispensabili poteri» (Fazzalari, Cosa Giudicata, in Riv. Trim. dir. E proc. civ., 1956, p. 1324);*

> *«Il carattere pubblicistico del processo civile – e prima ancora della funzione giurisdizionale – deve portare al riconoscimento del carattere pubblicistico della eccezione di cosa giudicata (e quindi della sua rilevabilità d'ufficio, in ogni caso), giacchè tende al fine pubblico di evitare la contraditorietà dei giudicati.» (Mario Vellani, Appunti sulla Natura della Cosa Giudicata, 1958, nota numru 125, paġna 123)*

*Id-divjet lill-imħallef li jippronunzja t-tieni sentenza fuq dak li jkun diġà ddeċieda ma jiskattax*

> *«alla forza vincolante della cosa giudicata, ma ad un principio più generale… in forza del quale deve escludersi che entri a far parte del mondo giuridico un atto che abbia la stessa direzione di un altro già posto in essere» (Attardi, L'Interesse di Agire, Padova 1955, p 210)*

*Mill-punto di vista* ***eseġetiku****,*

> *«in primo luogo si è fatto leva sull'art. 39 c.p.c., il quale, innovando rispetto al codice anteriore, sansisce espressamente la rilevabilità anche d'ufficio dell'eccezione di litispendenza… Se è vero che la ratio dei due istituti (litispendenza e giudicato) è identica, dovendo essa ravvisarsi «nell' esigenza di evitare che una medesima ragione venga sottoposta a giudizio più di una volta, per modo di formare oggetto di successive accertamenti definitive ed eventualmente contradittori» (Betti, Diritto Processuale, 155), se è vero, inoltre, che l'un istituto constituisce rimedio preventive è l'altro successivo a tutela di uno stesso bene comune, rappresentato dalla certezza della relazioni giuridiche; non si vede per quale ragione l'eccezione di litispendenza sia rilevabile d'ufficio, mentre non lo sia quella del giudicato. Lo stesso interesse di carattere pubblico, che impedisce la contemporanea pendenza di due giudizi sullo stesso oggetto, ostacola a fortiori una nuova decisione del rapporto già deciso"…*
>
> *"In secondo luogo… l'art 395 n. 5 c.p.c., per il quale è soggetta a revocazione la sentenza che contraddica una precedente pronuncia passata in giudicato, purchè l'eccezione non sia stata sollevata dalle parti, ne la sentenza abbia pronunciato su essa. Il fatto che la pronuncia sia soggetta a revocazione significa che essa è viziata e che il giudice doveva, se lo poteva, comportarsi e decidere diversamente… Ne discende che è viziata la sentenza contraria alla cosa giudicata, anchè se l'eccezione relative non sia stata proposta dalle parti; e, quindi, il divieto per il giudice di incorrere in un vizio con tanta precisione qualificato dalla legge. Non è possibile ritenere che il giudice sia tenuto a pronunciare una sentenza già condannata in anticipo. Se è revocabile la sentenza pronunciata in violazione della cosa giudicata, è contradditorio supporre che il giudice debba pronunciarla solo perchè le parti non hanno sollevato la questione tempestivamente» ( Liebman, sulla rilevabilità 360-361, iċċitat minn Proto Pisani, op.cit. paġna 61);*

*Ikkunsidrat:*

*Stat tal-ġurisprudenza Maltija*

*Illi f'għadd ta' sentenzi ta' dawn il-Qrati, ingħad li l-eċċezzjoni tar-res judicata hija waħda ta' ordni pubbliku (***Francesco Aquilina v. Joseph Gasan*** 05.11.1934 XXIX.i.1155 Qorti tal-Appell;* ***Dr Jose Herrera v. Anthony Cassar****, Qorti tal-Kummerċ 05.10.1992;* ***Catherine Portelli v. Joseph Cachia*** *10.12.1992 Qorti tal-Kummerċ;* ***Joseph Vella v. Emanuel Falzon*** *25.02.1997 Qorti tal-Appell;* ***Anthony Borg v. Anthony Francis Willoughby*** *28.03.2003 Prim'Awla);*

*Illi sentenzi oħrajn jgħidu bil-kontra: F'kawża deċiża 1923, saret talba għall-ħlas ta' kreditu. Il-konvenut, fin-nota tal-eċċezzjonijiet, stqarr li m'għandu jagħti xejn lill-attur kif ukoll li «le reciproche pendenze vennero liquidate da questa Corte con sentenza del 14 giugno 1922 tra le stesse parti ed alla quale esso eccipiente fa riferimento». Il-Prim'Awla, ippreseduta mill-imħallef Giuseppe Cremona, qalet hekk:*

> *«Attesocchè sebbene il convenuto non abbia in forma specifica opposto in sua difesa la resgiudicata nascente dalla detta sentenza … pure il fatto di avere il convenuto invocato tale sentenza, … sorge nel giudicante l'obbligo non pure il diritto di occuparsi di tale eccezione,* ***avvegnachè non sia di quelle che il giudice possa rilevare di ufficio*** *(Mattirolo Diritto Giudiziario quinta edizione 1905 vol V No. 35…) qualora risulti dal concorso degli elementi in diritto volti a costituirla…" (21.03.1923 Kollez. Vol XXV.ii.284,* ***Giuseppe Micallef v. Grazio Micallef****, Prim' Awla, konfermata in sede Appell fit-23 ta' Novembru, 1923).*

*F'sentenza waħda tal-1957, hemm iddikjarat li l-Qorti mhix obbligata tqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat jekk ma jqajmuhiex il-partijiet (****Carmelo Seychell v. Giovanni Depasquale*** *11.01.1957 Qorti tal-Appell).*

*F'sentenza oħra, din id-darba tal-Prim'Awla (sede kostituzzjonali) (****Albert Pace Cole v Chairman tal-Maltacom p.l.c****. 26.02.2004 (Prim'Awla ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) per Onor.Imħallef Tonio Mallia) il-Qorti qalet li: «****mhux ċar, fil-ġurisprudenza, jekk il-Qorti tistax tissolleva hi stess ex officio l-ġudikat****».*

> *«F'dan il-każ, ġara, però, li eċċezzjoni f'dan il-kuntest, ġiet l-ewwel mogħtija mis-soċjetà intimata u wara irtirata mill-istess soċjetà intimata. Mhux ċar, fil-ġurisprudenza, jekk il-Qorti tistax tissolleva hi stess ex officio l-ġudikat. Jidher, li l-Qorti tista' tissolevaha hi stess meta, għalkemm l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet formalment mogħtija, tkun saret riferenza għad-decizjoni preċedenti (ara* ***Mallia v. Giordmaina*** *deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1957 (Vol. XLI.ii.1163),* ***Cassar v. Zammit****, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1955 (Vol.XXXIX.i.282), u* ***Bonello v. Pule****, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 1995). F'dan il-każ, ir-riferenza għad-decizjoni preċedenti saret, l-eċċezzjoni formali ingħatat, però wara ġiet irtirata. F'sitwazzjoni simili, ċjoè, fejn eċċezzjoni tal-ġudikat ġiet irtirata, din il-Qorti, fil-kawża* ***Zammit v. Agius****, deċiża fis-16 ta' Dicembru, 1982, kienet iddikjarat li, fiċ-ċirkostanzi, l-kwistjoni tal-ġudikat kienet ġiet sorvolata u reġa' ġie diskuss il-meritu mill-ġdid.*
>
> ***Din il-Qorti, kif issa presjeduta, għandha d-dubji tagħha dwar kemm din il-procedura hija valida, għax jekk il-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-ordni pubbliku u ċ-ċertezza tad-dritt, diffiċli jiġi ammess li dak kollu jista' jiġi skartat bi qbil bejn il-partijiet f'kawża»****.*

*Imbagħad f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ġie affermat li salv xi eċċezzjonijiet, id-dottrina u l-ġurisprudenza prevalenti jsostnu li l-eċċezzjoni tal-ġudikat mhix waħda minn dawk li tista' tiġi mqanqla ex officio «u li, kwindi, tali eċċezzjoni hija wkoll rinunzjabbli». Dan il-Qorti għamlitu mingħajr ma ċċitat din id-dottrina u ġurisprudenza. B'danakollu l-Qorti kompliet tgħid li:*

> *«Dwar il-kwistjoni tar-res iudicata, jibda biex jingħad li għalkemm hemm xi sentenza f'sens differenti (Ara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili*

> *tal-21 ta' Marzu 1923 (Kollez. Vol. XXV.ii.284)), id-dottrina u l-ġurisprudenza prevalenti huma fis-sens li* ***l-eċċezzjoni tar-res iudicata mhix waħda minn dawk li huma sollevabbli ex officio u li, kwindi, tali eċċezzjoni hija wkoll rinunzjabbli****; b'dan pero` li una volta li parti tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eċċezzjoni mogħtija formalment, li hemm sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali, il-ġudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni» (hawn il-Qorti ċċitat dawn is-sentenzi: ara f'dan is- sens* ***Nutar Oscar Azzopardi v. Gerald Cuschieri*** *Prim Awla, 19 ta' Diċembru 1950 (Kollezz. Vol. XXXIV.ii.725);* ***Pawlina Zammit pro et noe v. Gerald Zammit Prim Awla****, 28 ta' Ġunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.533);* ***Assunta Cassar v. Avukat Dott. Carmelo Zammit noe*** *Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Novembru 1955 (Kollezz. Vol. XXXIX.i.282);* ***Giuseppe Mallia v. Carmelo Giordimaina*** *Prim Awla, 11 ta' Novembru 1957 (Kollezz. Vol. XLI.ii.1163);* ***Toni Pellegrini v. Maurice Abela et noe*** *Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Marzu 1966).*

*Hawnhekk il-Qorti ċċitat lil Laurent:*

> *«Kif jispjega wkoll il-Laurent (Principii di Diritto Civile, Vol XX, Leonardo Vallardi ed (Napoli), 1881): «Dal principio che l'eccezione della cosa giudicata non è di ordine pubblico, nel senso che le parti interessate vi possono rinunziare, segue che il giudice non può supplire di uffizio l'eccezione della cosa giudicata.» Għalkemm huwa dejjem desiderabbli li r-rinunzja tal-eċċezzjoni tar-res iudicata tkun magħmula b'mod ċar, ir-rinunzja tista' tkun tacita wkoll, basta li tkun l-espressjoni tal-volontà ċara tal-parti li lilha jkun jispetta li tqajjem dik l-eċċezzjoni: «Non bisogna credere che la rinuncia tacita sia una rinuncia presunta. La rinuncia non si presume giammai, perchè non si può presumere che una persona abbandoni un diritto che le appartiene. Perché vi sia la rinunzia tacita bisogna che la volontà sia così certa come se vi fosse rinunzia espressa: ma vi è questa differenza: la rinunzia tacita risulta da un fatto il quale non può ricevere altra interpretazione che quella della volontà di rinunziare allo effetto della cosa giudicata» (Laurent, op. cit. p. 119, para. 135.*

*F'sentenza oħra, din id-darba tat-2016, il-Qorti tal-Appell (S.T.O. Silvio Camilleri, Onor. Tonio Mallia, Onor. Joseph Azzopardi 29.01.2016) ikkonfermat sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) (18.03.2015 per Onor. Imħallef Abigail Lofaro) li fil-kontumaċja tal-konvenut, u fis-silenzju tal-attriċi, irrilevat hi stess li kienet diġà tat sentenza fuq l-istess mertu ftit tax-xhur qabel. Il-Qorti tal-Appell tenniet, bħall-ewwel Qorti, li l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija waħda ta' ordni pubbliku. Din is-sentenza tal-Prim'Istanza tmur lil hinn mill-ġurisprudenza li tirritjeni li biex il-Qorti tissolleva l-eċċezzjoni tal-ġudikat trid tkun ġiet a konjizzjoni tiegħu permezz ta' xi aċċenn għas-sentenza preċedenti fl-att promotur inkella fl-atti tal-kawża;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ta' importanza partikolari għall-kweżit in konsiderazzjoni hija l-kitba ta'* ***Mattirolo*** *fir-rigward (Luigi Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano. Din il-Qorti qiegħda tiċċita l-5 edizzjoni (1933), Vol 5,*

*para. 35, li għandha fil-librerija tagħha. Il-Qrati Maltin bdew (u komplew) jiċċitaw edizzjoni tal-1905 tal-istess awtur li l-Qorti m'għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha), billi kien abbażi ta' din il-kitba (jew aħjar parti minnha) li l-Qrati Maltin daħħlu l-kunċett li l-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-ġudikat preċedenti kemm-il darba dan jissemma mqar informalment minn xi ħadd mill-partijiet.*

***Mattirolo** jibda biex jiddeskrivi l-istat maġġoritarju tal-ġurisprudenza u d-dottrina Taljana:*

> *«35. L'autorità, che la legge attribuisce alla cosa giudicata, è una presunzione legale, determinate, senza dubbio, da ragioni di interesse pubblico, dalle esigenze dell'ordine sociale. Ma l'eccezione, che nasce dalla cosa giudicata in materia civile, per concorde insegnamento della dottrina e della giurisprudenza, non è di ordine pubblico; onde la conseguenza che le parti possono alla medesima espressamente o tacitamente rinunziare».*

*Mattirolo jkompli billi jiċċita l-paragun li kien isir mal-istitut tal-preskrizzjoni, li, għad li hu ta' ordni pubbliku, huwa rinunzjabbli. Ikompli jikteb li dan wassal għall-fehma ġeneralment milħuqa li:*

> ***«Il giudice non può rilevare d'ufficio l'eccezione della cosa giudicata».***

*Imbagħad l-istess kittieb jesponi l-fehma tiegħu, u ta' xi kittieba oħrajn, li tmur kontra l-fehma dominanti:*

> *«… io ritengo:*
>
> *Che gli effetti della cosa giudicata siano bensì rinunziabili, ma che **<u>non</u> sia lecito reiterare, di consenso delle parti, un giudizio cui ha posto termine una cosa giudicata**.*
>
> *Che quindi il giudice, pure non essendo costretto – come esattamente si esprimono i motivi dell'Ordinamento austriaco – ad investigare la preistoria del processo allo scopo di aver notizia d'una eventuale decisione sulla stessa causa, **<u>deve</u>**, se i documenti o l'istruttoria gli rilevano l'esistenza d'una cosa giudicata, **ricusare di nuovamente giudicare.***
>
> *Queste conclusioni si fondano sulla necessità che il giudice non tolga serietà alla funzione giudiziaria, poichè egli non può paragonarsi al tentore d'un gioco d'azzardo, presso il quale si tenta la sorte fino a che si hanno poste da esporre all'alea…»*

*Mattirolo mbagħad jikkritika l-paragun li jsir minn ċerti awturi (fosthom Laurant, (għalkemm ma jsemmihx Mattirolo) mal-istitut tal-preskrizzjoni, li hu ta' ordni pubbliku iżda l-preskrizzjoni tista' tiġi rinunzjata mill-parti:*

> *«poiché la prescrizione è creata dalla legge, ma essa si compie all'infuori di un'ulteriore azione dello Stato, mentre la cosa giudicata,*

*oltre ad essere riconosciuta dalla legge, si compe per opera di un organo dello Stato e non può lo stesso organo, se non per via di statuizione su un mezzo lecito d'impugnativa, distruggere ciò che ha fatto.» (Mattirolo, op cit pagna 41)*

*Eżami bir-reqqa ta' din il-kitba ta' Mattirolo turi li l-ġurisprudenza tagħna, filwaqt li addottat l-ewwel parti tagħha fejn jiddeskrivi l-fehma maġġoritarja tar-rinunzjabilità tal-eċċezzjoni tal-ġudikat (li Mattirolo ma jaqbilx magħha!); addottat ukoll il-fehma personali ta' Mattirolo li jekk jissemma l-ġudikat preċedenti fl-atti, anke informalment, allura l-Qorti għandha tiddeklina s-smigħ mill-ġdid tal-kwistjoni ġa deċiża. Jidher għalhekk li l-Qrati tagħna addottaw il-kitba ta' Mattirolo b'din l-isfumatura partikolari: filwaqt li Mattirolo jibbaża l-obbligu tal-Qorti li tiddeklina milli tiddeċiedi mill-ġdid appena ssir taf mill-atti li hemm sentenza oħra li għaddiet in ġudikat fuq l-istess kwistjoni u bejn l-istess partijiet fuq* ***raġuni ta' ordni pubbliku****, il-Qrati tagħna jibbażawha fuq il-****preżunta nuqqas ta' rinunzja tal-partijiet*** *jew ta' xi parti għall-effetti tal-ewwel sentenza. Skont il-Qrati tagħna, għalkemm il-ġudikat huwa ta' ordni pubbliku, l-eċċezzjoni għalih mhix u allura tista' tiġi rrinunzjata mill-partijiet u l-Qorti ma tistax tippronunzjaha ex officio;*

*Illi din il-Qorti tista' tiddeklina milli tesprimi l-fehma tagħha dwar jekk l-eċċezzjoni tistax titqanqal ex officio jew le, taddotta l-fehma li ġaladarba f'dawn l-atti hemm ġudikat preċedenti msemmi fil-proċess, allura trid tieħu kont tal-ġudikat preċedenti, u tieqaf hawn mingħajr ma tinoltra ruħha fuq ir-****raġuni ġuridika*** *għal din id-deċiżjoni, għaliex fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat ikun l-istess;*

*Illi b'danakollu, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li tagħti l-fehma tagħha, mirfuda bi prinċipji legali, dwar jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwiex sollevabbli ex officio jew le. Il-Qorti tikkunsidra li:*

*1. sentenza tal-Qorti mhux lodo t'arbitraġġ. Hija pronunzjament ta' organu tal-Istat, u mhux sempliċement att privat bejn il-litiganti. Għalhekk mhix biżżejjed ir-rinunzja tal-litiganti biex titħassar sentenza għaliex hemm it-tielet parti – li huwa l-Istat – li wkoll irid jagħti l-kunsens tiegħu. Il-partijiet jistgħu jagħżlu li jirrinunzjaw għall-****effetti*** *tas-sentenza, u ma jinfurzawhiex, jew saħansitra jagħmlu ftehim differenti bejniethom, imma ma jistgħux jinjoraw jew iħassru l-****awtorità*** *u l-****immutabilità*** *tagħha. Għalhekk mhux aċċettabbli l-argument li l-ġudikat huwa ta' ordni pubbliku fis-sens li parti ma tistax tiġi assoġġettata għal proċeduri ġudizzjarji multipli; u li b'danakollu hija tista' tirrinunzja għal dan il-jedd.*

*2. Ippronunzjata s-sentenza, il-kompetenza tal-Qorti tiġi eżawrita; ma tistax, lanqas bil-kunsens tal-partijiet, tbiddel is-sentenza. Hemm biss ir-rimedju ordinarju tal-appelll u r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. Jekk jiġi permess li jiġi injorat ġudikat, ikun ifisser li jkun qiegħed jiġi maħluq mezz ġdid ta' impunjazzjoni li l-qafas legali ma jippermettix.*

> *3. Skont l-**Art. 811 tal-Kap 12**, sentenza li tingħata wara sentenza oħra fuq l-istess partijiet u l-istess mertu hija soġġetta li tiġi mħassra bil-mezz tar-ritrattazzjoni, sakemm l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tkunx ġiet imqanqla u deċiża waqt is-smiegħ tat-tieni kawża. It-tieni sentenza għalhekk hija vvizzjata **anke jekk l-eċċezzjoni ma tkunx tqanqlet mill-partijiet.** Jekk skont il-liġi t-tieni sentenza hija vvizzjata, huwa illoġiku li tobbliga lill-imħallef jippronunzjaha sempliċement għax il-partijiet ma qanqlux l-eċċezzjoni tal-ġudikat – u jippronunzja sentenza li titqies impunjabbli permezz tar-ritrattazzjoni;*

*Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena svolti, għal din il-Qorti, huwa ċar li l-konklużjoni għandha tkun waħda: dik li l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa waħda ta' ordni pubbliku, sollevabbli ex officio, u għalhekk mhux rinunzjabbli mill-partijiet;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi minħabba l-ostaklu tal-ġudikat, il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.»*

12. Il-konvenuta Victoria Azzopardi, appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Lulju, 2020, fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji. Fl-ewwel aggravju, Azzopardi qiegħda targumenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem minn jeddha l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u li f'kull każ dik il-Qorti ma kellhiex tilqa' tali eċċezzjoni sa fejn għandhom x'jaqsmu l-eċċezzjonijet tagħha. Fit-tieni aggravju, Azzopardi tixħet imbagħad ħarsitha fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' t-talbiet tal-attur appellat, u minbarra li tfisser għalfejn it-talbiet tal-attur mhumiex mistħoqqa, tilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tilqa' t-talbiet tal-attur mingħajr ma tidħol fil-mertu u tgħarbel il-provi.

13. Fid-dawl ta' dan, Azzopardi talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tilqa' l-ewwel aggravju tagħha, tħassar is-sentenza appellata, u tibgħat l-

atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-kawża; jew inkella (ii) tilqa' l-aggravji kollha tagħha, tħassar is-sentenza appellata, u minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur Michelangelo Camilleri, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

14. Bi tweġiba mressqa fit-2 ta' Diċembru, 2020, l-attur Michelangelo Camilleri ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell tal-konvenuta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

15. B'digriet mogħti fl-4 ta' Jannar, 2024 (f'paġna 701 tal-atti tal-kawża), il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Maddalena Camillleri u dan wara l-mewt ta' Michelangelo Camilleri. Il-Qorti ordnat ukoll li jissewwa l-okkju tal-kawża biex jirrifletti dan kollu.

16. Fis-seduta tal-11 ta' April, 2024, il-Qorti semgħet lill-Avukati tal-partijiet u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellanti qiegħda tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi, kemm għaliex qajmet minn jeddha l-eċċezzjoni tal-ġudikat fil-konfront tal-eċċezzjonijiet tagħha, kif ukoll għaliex iddeċidiet li ma setgħetx tieħu qies tad-difiża tagħha minħabba l-

ixkiel tal-ġudikat.

18. L-appellanti taqsam dan l-aggravju fi tliet partijiet, li ser ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa fl-istess ordni li tqajmu fir-rikors tal-appell.

19. Fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti titlaq billi targumenta li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma setgħetx tolqot l-eċċezzjonijet tagħha, u jekk xejn, setgħet titqajjem biss fil-konfront tat-talbiet u l-azzjoni tal-attur. Tfisser li jekk l-Ewwel Qorti dehrilha li d-difiża tagħha kienet diġà ġiet miċħuda f'xi kawża oħra, l-Ewwel Qorti setgħet faċilment tiċħad id-difiża tagħha fuq ir-raġuni li l-eċċezzjonijiet tagħha ma kinux mistħoqqa fil-liġi, iżda mhux tikkonkludi li ma setgħetx tqishom minħabba l-ixkiel tal-ġudikat. Tilmenta li f'dan il-każ, il-ġudizzju ntemm b'eċċezzjoni għall-eċċezzjonijiet tagħha — ħaġa li hi tfissirha bħala «*legalment inkonċepibbli.*»

20. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti.

21. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-prinċipju tal-ġudikat għandu bħala s-sisien tiegħu l-interess pubbliku, u huwa maħsub: (i) biex iħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza; (ii) li jbiegħed il-possibiltà ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin; u (iii) li jtemm il-possibiltà ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-

sentenza li tkun ingħatat (ara f'dan is-sens ***David u Mary konjuġi Theuma et v. Giuseppi Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 u ***Luiġi u martu Camela Sultana v. Emanuel Cremona et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2017).

22. Daqskemm deċiżjoni tista' tmur kontra oħra għaliex l-attur iressaq l-istess ilmenti f'żewġ kawżi separati minn xulxin, daqstant ieħor sentenza tista' tmur kontra oħra, jekk il-parti konvenuta f'kawża, terġa' tqanqal l-istess difiża li tkun ġa ġiet imressqa u deċiża b'xi sentenza oħra li tkun ingħatat bejn l-istess partijiet u għaddiet f'ġudikat.

23. L-istess jgħodd ukoll fil-konfront ta' xi linja difensjonali li setgħet titressaq imma li ma ġietx imressqa fl-ewwel kawża li tkun ġiet deċiża. Huwa magħruf f'dan is-sens li l-ġudikat jifforma ruħu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu ġie diskuss, u ma ġiex diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet tagħha (ara ***John Camilleri v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2013 u ***Joseph Vella v. Emanuel Falzon*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 1997). B'mod mill-aktar ċar, ingħad fis-sentenza ***Antonio Magri v. Emanuele Dingli*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1953 li, «*hu paċifiku li l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien missha, jew setgħat ġiet sollevata in relazzjoni għall-azzjoni stess.*»

24. Terġa' u tgħid ir-rimedju ta' ritrattazzjoni taħt il-**paragrafu (h) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jaħseb għal sitwazzjonijiet fejn, *«sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża»,* huwa miftuħ ukoll lill-parti attriċi f'kawża, li bħala *«waħda mill-partijiet li jkollha interess»,* tista' titlob it-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid ta' kawża li fiha tkun intlaqgħet xi forma ta' difiża, li tkun kuntrarja għall-jeddijiet li jkunu diġà ġew definiti b'xi sentenza li tkun ingħatat qabel bejn l-istess partijiet, u li jkollha dawk il-kwalitajiet kollha msemmija fil-paragrafu (h).

25. Ma jagħmel għalhekk l-ebda sens loġiku li l-ġudikat jista' jkun ta' xkiel biss għat-talbiet tal-attur u mhux ukoll għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

26. Wara kollox, sentenza li tgħaddi f'ġudikat hija wkoll miżmuma bħala tajba, siewja u tal-ħaqq — *res iudicata pro veritate habetur* — (ara ***Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Novembru, 1934) u anke għalhekk, lanqas ma huwa sewwa li l-parti konvenuta tippretendi li titħalla tqajjem xi difiża li tkun tmur kontra dak li jkun diġà ġie deċiż f'xi sentenza oħra, bit-tama li

tmewwet l-effetti ta' deċiżjoni li tkun ingħatat qabel.

27. L-argumenti tal-appellanti fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju mhumiex għalhekk mistħoqqa, u fid-dawl ta' dan qegħdin jiġu miċħuda.

28. Fit-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tqajmet mill-Qorti *ex officio*. Targumenta li l-Ewwel Qorti żbaljat li waslet għall-konklużjoni li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' titqajjem mill-Qorti minn rajha u tinsisti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqajjem dik l-eċċezzjoni minn jeddha.

29. Tfisser li fis-sistema legali Maltija, il-kawża hija meqjusa tal-partijiet u ssostni li l-irwol tal-ġudikant huwa biss li jirregola l-proċess ġudizzjarju u li jiddeċiedi l-kawża fil-qafas ta' dak mitlub mill-attur u eċċepit mill-konvenut. Targumenta għalhekk, li sakemm ma tkunx awtorizzata mil-liġi, il-Qorti m'għandhiex tindaħal fil-kawża sabiex tqanqal kwistjonijiet li ma jkunux tqajmu mill-partijiet, għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tbiddel il-parameteri tal-kawża li jkunu diġà tfasslu mill-partijiet.

30. Tissokta billi tosserva li kull fejn il-leġislatur ried jawtorizza lill-Qorti sabiex tqajjem xi eċċezzjoni minn jeddha, jew inkella tagħmel xi intervent *ex officio* fil-kawża, il-leġislatur għamel dan b'mod espress. Tisħaq li fil-liġi tagħna ma hemm l-ebda artikolu li jagħti lill-Qorti s-setgħa li tqajjem

minn jeddha l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u għall-appellanti dan juri li l-eċċezzjoni tal-ġudikat mhijiex waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li l-Qorti setgħet tqajjem minn rajha.

31. L-appellanti targumenta li l-prinċipji li joħorġu mis-sentenzi ta' ***Vincent Cilia v. Onor. Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar, 2005 u dik ta' ***Sharon Zahra v. Stefan Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016, ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li waslet għaliha, u sewwasew li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' titqajjem *ex officio*. Tgħid ukoll li r-referenzi lejn il-liġijiet barranin u l-kummenti tal-awturi dwarhom, huma barra minn posthom billi l-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta** m'għandux dispożizzjonijiet simili.

32. Meqjus li dan l-aggravju huwa dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tqajjem minn rajha l-eċċezzjoni tal-ġudikat, il-Qorti titlaq billi tosserva li għalkemm l-Ewwel Qorti ddedikat il-parti l-kbira tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata dwar jekk hija setgħetx tqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat *ex officio,* fil-verità dik il-Qorti kienet diġà qajmet l-eċċezzjoni tal-ġudikat b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2020 (f'paġna 632 u 633 tal-atti tal-kawża), u għalhekk l-appellanti kienet tkun aktar korretta li kieku appellat ukoll minn dak id-digriet u talbet it-tħassir tiegħu fit-talbiet finali tar-rikors tal-appell.

33. F’kull każ, din il-Qorti ma ssib xejn x’tiċċensura fl-għemil tal-Ewwel Qorti, kemm fil-mod li bih qajmet l-eċċezzjoni tal-ġudikat, kif ukoll fil-konklużjoni nfisha dwar jekk il-Qrati jgawdux mis-setgħa li jqajmu l-eċċezzjoni tal-ġudikat minn rajhom.

34. Ibda biex, l-Ewwel Qorti ma qabditx u ħasdet lill-partijiet bil-kwistjoni tal-ġudikat, iżda mxiet mal-proċedura li titlob il-liġi fl-**Artikolu 732A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Kemm hu hekk, fid-digriet kamerali tas-6 ta’ Jannar, 2020 (f’paġni 632 u 633 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti stiednet lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-kwistjoni tal-ġudikat, kif ukoll żammitilhom il-jedd, sabiex jekk riedu, iressqu l-provi b’rabta ma’ dik l-eċċezzjoni.

35. L-importanza ta’ dan ma tistax tiġi enfasizzata biżżejjed, għaliex li kieku l-Qorti ma mxietx mal-proċedura msemmija fl-**Artikolu 732A**, is-sentenza appellata kienet tkun milquta minn difett li jolqot b’mod ħażin il-jedd ta’ smigħ xieraq tal-appellanti u għalhekk kienet tkun bla siwi (ara f’dan is-sens ***Paul u Michelina konjuġi Sammut v. L-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Mejju, 2024).

36. Sa fejn imbagħad għandha x’taqsam mal-konklużjoni tal-Ewwel

Qorti dwar jekk il-Qrati jgawdux mis-setgħa li jqajmu l-kwistjoni tal-ġudikat minn rajhom, il-Qorti, filwaqt li taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti u tagħmlu tagħha, iżżid, li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-Ewwel Qorti mhux talli kellha s-setgħa li tqajjem l-eċċezzjoni tal-ġudikat *ex officio*, iżda kienet saħansitra fid-dmir li tagħmel hekk.

37. Huwa tabilħaqq magħruf fil-ġurisprudenza li meta parti f'kawża tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk indirettament, li jkun hemm sentenza oħra, li ngħatat qabel bejn l-istess partijiet, u li kienet dwar l-istess oġġett tal-kawża, il-ġudikant ikun «***obbligat***» li jistħarreġ il-kwistjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens ***Anthony Aquilina v. Repubblika ta' Malta et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Ġunju, 2011).

38. Dan isir mhux biss fl-interess tal-partijiet fil-kawża, iżda fuq kollox fl-interess pubbliku (ara b'eżempju ***Care Services Limited v. Mario Muscat et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Novembru, 2009 u ***Sharon Zahra v. Stefan Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar, 2016).

39. Kif ingħad tajjeb fis-sentenza appellata, mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta, li b'nota mressqa fit-22 ta' Frar, 2013 (f'paġna 45 tal-atti tal-kawża), l-attur hemeż kopja ta' sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 1999, u li bħala l-partijiet fiha kien hemm

fosthom ukoll l-istess partijiet li hemm f'din il-kawża.

40. Il-mod li bih l-attur appellat ressaq il-kopja tas-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999 fl-atti ta' din il-kawża, juri li l-attur stess kien qiegħed iqanqal l-effetti tal-ġudikat b'mod impliċitu. Tant hu hekk, li fin-nota tat-22 ta' Frar, 2013, huwa rrefera għas-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, bħala: *«sentenza li tikkonferma li l-attur huwa s-sid tal-fond 6, Sqaq Nru. 1, Triq Santa Luċija, Naxxar li minnha ma hemmx appell.»*

41. Minn ħarsa ħafifa lejn is-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, jidher li l-oġġett ta' dik il-kawża, kien tabilħaqq dwar tilwima ta' sura petitorja fuq l-istess fond li dwaru hija wkoll din il-kawża (ara Dok MA(i) f'paġni 46 sa 52 tal-atti tal-kawża).

42. F'ċirkostanzi ta' din ix-xorta, l-appellanti żgur li ma tistax tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha bħal donnu tagħlaq għajnejha u tissokta bis-smigħ tal-kawża, mingħajr mank biss tistħarreġ, jekk dak li ġie deċiż bis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, setax b'xi mod jew ieħor jolqot il-pożizzjoni tal-partijiet f'din il-kawża.

43. Wara kollox, anke fis-sentenza li l-appellanti qiegħda tirreferi għaliha fir-rikors tal-appell u sewwasew dik tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Jannar, 2005, fl-ismijiet ta' ***Vincent Cilia v. Onor. Prim Ministru et***,

il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara li: *«una volta li parti tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eċċezzjoni mogħtija formalment, li hemm sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali, il-ġudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni.»*

44. Għal din il-Qorti, l-Ewwel Qorti għamlet għalhekk sewwa li qabdet il-barri minn qrunu u qajmet b'mod formali l-kwistjoni tal-ġudikat hija stess.

45. Fl-aħħar mill-aħħar, dan kien ukoll fl-aqwa interess tal-konvenuta nfisha, għaliex bis-saħħa ta' hekk hija ngħatat iċ-ċans li tressaq l-argumenti kollha tagħha u jekk riedet ukoll il-provi, biex tmeri li b'dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, la kien ta' xi għajnuna għat-talbiet tal-attur u wisq inqas ta' xkiel għax-xorta ta' difiża tagħha.

46. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti mhijiex għalhekk fejjieda u għaldaqstant qiegħda tiġi wkoll miċħuda.

47. B'daqshekk, il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li qieset is-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999 bħala xkiel għax-xorta ta' difiża li l-konvenuta appellanti qajmet f'din il-kawża, jew inkella li dak li ġie deċiż b'dik is-sentenza kien b'xi mod jew ieħor biżżejjed biex

jirnexxu t-talbiet tal-attur.

48. Dak li qiegħda tgħid għalissa l-Qorti huwa li l-appellanti m'għandhiex raġun li tgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem il-kwistjoni tal-ġudikat b'mod formali minn rajha.

49. Jekk is-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, hijiex tabilħaqq ta' xkiel għall-pożizzjoni li l-appellanti ħadet f'din il-kawża, hija mbagħad kwistjoni oħra li għad irridu naraw aħna u nistħarrġu l-aħħar parti tal-ewwel aggravju.

50. Fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tqajjem imbagħad l-argument, li f'kull każ, ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa sabiex l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li d-difiża tagħha hija milquta bix-xkiel tal-ġudikat.

51. Tfakkar li fis-sentenza li rreferiet għaliha l-Ewwel Qorti, u sewwasew dik tal-15 ta' Novembru, 1999, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Michelangelo Camilleri v. Victoria Azzopardi et*** (Ċit. Nru. 563/91DS), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili astjeniet milli tidħol fit-talba tal-attur li biha talab l-iżgumbrament tagħha mill-fond inkwistjoni, u f'dan is-sens, tisħaq li dik il-Qorti waqfet milli tistabbilixxi b'liema xorta ta' titolu hija kienet qiegħda tgħammar fil-fond inkwistjoni.

52. Tissokta billi tfisser li s-sies ta’ din l-azzjoni, hija miġbura fl-aħħar premessa tar-rikors maħluf li bih tressqet il-kawża, u li fiha l-attur fisser li ċ-ċedola ta’ fidi u ta’ depożitu taċ-ċens ma jiswewx għaliex it-titolu li hija għandha fuq il-fond huwa ta’ kirja. Issostni għalhekk li l-pretensjonijiet tal-attur fl-ewwel kawża kienu differenti minn dawk tal-kawża tal-lum u tisħaq li dan jidher ukoll mix-xorta tat-talbiet differenti li l-attur appellat ressaq fiż-żewġ kawżi.

53. Tagħmilha ċara li f’din il-kawża hija ma kkontestatx il-fatt li l-attur kien is-sid tal-fond inkwistjoni sakemm fdiet iċ-ċens, u minbarra li targumenta li d-direttarju jibqa’ s-sid tal-fond, tistqarr li hija stess għarfet dan kollu meta indirizzat ċ-ċedola ta’ depożitu fil-konfront tal-attur.

54. Tgħid li mill-atti ma jirriżultax li wara s-sentenza tas-sena 1999, l-attur fetaħ xi kawża oħra kontriha sabiex jiġi stabbilit b’liema xorta ta’ titolu hija kienet qiegħda tgħammar fil-fond inkwistjoni, jew inkella dwar x’relazzjoni ġuridika hemm bejniethom, u għalhekk tirraġuna li dik il-kwistjoni baqgħet qatt ma ġiet maqtugħa minn xi qorti.

55. Tinsisti li kuntratt u titolu ta’ ċens ma jintemmx għaliex il-partijiet jidhrilhom hekk, u tirreferi għall-ġurisprudenza li fiha jingħad li l-kwistjoni tal-ġudikat ma tistax tkun ta’ xkiel meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi.

56. Tagħlaq billi tisħaq li fiċ-ċirkostanzi, l-atti tal-kawża għandhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi t-talbiet tal-attur fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tagħha, u biex b'hekk il-jedd tal-eżami doppju tal-partijiet jibqa' mhux mittiefes.

57. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jargumenta li bis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, huwa ġie ddikjarat bħala s-sid tal-fond inkwistjoni, li għalih ifisser li dak il-fond huwa propjetà esklussiva tiegħu u li b'konsegwenza ta' dan iċ-ċedoli ta' fidi u depożitu taċ-ċens huma bla siwi.

58. Iwieġeb ukoll għall-osservazzjoni tal-appellanti fejn tgħid li huwa ma għamilx xi kawża wara s-sentenza tas-sena 1999 sabiex jiġi stabbilit x'titolu kellha l-konvenuta fuq il-fond jew inkella dwar ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, u jfisser li qabel is-sentenza tas-sena 1999 kien hemm kawża tal-Bord li Jirregola l-Kera u wara kien hemm proċeduri oħrajn bejn il-partijiet (kawża 207/01NC), li fihom il-konvenuta stqarret li hija tokkupa l-fond b'titolu ta' kirja.

59. Fil-fehma tal-Qorti, l-ilmenti tal-appellanti magħmula f'din il-parti tal-aggravju tagħha huma mistħoqqa.

60. Ingħad mhux darba, li fl-għarbiel tagħha dwar jekk ikunx hemm ix-xkiel tal-ġudikat, il-Qorti għadha tistħarreġ jekk il-kwistjoni li tkun ġiet imqajma fit-tieni kawża tkunx ġiet jew le deċiża bil-ġudikant preċedenti. Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha tfittex jekk il-punt li jkun qiegħed jiġi diskuss fit-tieni kawża, ikunx ġie deċiż bis-sentenza ta' qabel, jew inkella tħalliex impreġudikat (ara b'eżempju ***Vito Domenico Benvenga v. Direttur Ġenerali Veterinary and Animal Welfare*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru, 2014 u ***Conris Pace Rivans et v. Franco Rivans et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April, 2014).

61. Huwa wkoll aċċettat li f'eżerċizzju ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tixħet ħarsitha fuq il-parti dispożittiva tas-sentenza li tkun ingħatat l-ewwel, kif ukoll lejn il-konsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għal dik id-deċiżjoni, u minn hemmhekk għandha tiżen jekk il-kwistjoni missielta fit-tieni kawża, tkunx b'xi mod jew ieħor verament deċiża fl-ewwel sentenza. F'każ li l-kwistjoni mqanqla fit-tieni kawża ma tkunx ġiet deċiża fit-tieni kawża, mela allura, ma jistax jingħad li jkun hemm ix-xkiel tal-ġudikat (ara f'dan is-sens ***Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2007.

62. Min-naħa l-oħra, jekk bejn dak li jkun qiegħed jiġi missielet fit-tieni kawża u dak li jkun ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u

impossibilità ta' koeżistenza, l-element tal-istess mertu jkun sodisfatt (ara ***Joseph Camilleri v. Lilian Mallia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998).

63. Wieħed però għandu dejjem joqgħod attent għaliex il-prinċipju tal-aħħar mhuwiex xi wieħed assolut. Tassew, huwa mifhum li *«l-awtorità tal-ġudikat għandha bi presuppost il-prinċipju rebus sic stantibus»,* u minħabba f'hekk, jekk ikun hemm xi tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi bejn is-sentenza tal-ewwel u t-tieni kawża, dan jista' jwassal biex dak deċiż bis-sentenza tal-ewwel ma jibqax ta' xkiel għal dak li jkollu jiġi deċiż fit-tieni każ (ara f'dan is-sens ***Joseph Agius et v. Maria Fenech*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2010, u ***Joseph Portelli v. Joseph Stellini et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015).

64. Jixraq ukoll li jitfakkar, li f'kull każ, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni mill-aktar dejqa, u dan aktar u aktar meta l-kwistjoni tal-ġudikat ikun ser ikollha l-effett li teskludi xi jedd (ara f'dan is-sens ***Louis Sammut et v. Carmelo sive Charles Zammit et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2004, ***Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit et v. Lawrence Caruana*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2007 u ***Martin Gauci et vs K. M. L. Manufacturing Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-

Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-14 ta' Novembru, 2007).

65. Huwa għalhekk miżmum li f'każ ta' dubju, il-ġudikant għandu jiddeċiedi kontra u mhux favur l-eċċezzjoni tal-ġudikat (ara f'dan is-sens ***Joseph Agius et v. Maria Fenech*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2010 u ***Twilight Enterprises Limited v. Festa Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2012.

66. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji kollha għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li s-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999 kienet ta' xkiel għax-xorta ta' difiża li hija qajmet f'din il-kawża.

67. Ibda biex, il-mertu ta' din il-kawża u d-difiża ta' Victoria Azzopardi f'din il-kawża la ġew diskussi fil-kawża li nqatgħet fil-15 ta' Novembru, 1999, u wisq inqas ġew deċiżi b'dik is-sentenza.

68. Kif qiegħda tgħid sewwa l-appellanti, il-premessi li fuqhom l-attur nieda din il-kawża huma ċari, u minn hemmhekk jidher li r-raġuni ġuridika wara din il-kawża hija, li skont l-attur, iċ-ċedola ta' fidi u depożitu ta' ċens inkwistjoni ma jiswewx għaliex il-konvenuta mhijiex qiegħda tgħammar fil-fond inkwistjoni b'titolu ta' ċens, iżda b'titolu ta' kirja. Tassew, fis-sitt

premessa l-attur fisser: *«Illi l-fond huwa mikri lill-intimata u għalhekk ċ-ċedola ta' depożitu ta' ċens huma nulli.»*

69. Bil-maqlub, id-difiża tal-appellanti f'din il-kawża hija mbagħad imsejsa fuq il-premessa li ċ-ċedoli ta' depożitu u ta' fidi ta' ċens jiswew, għaliex fil-mument tal-fidi hija kienet tgawdi minn titolu ta' *utile dominium* perpetwu fuq il-fond mertu tal-kawża, u dan bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku datat 5 ta' Awwissu, 1906, fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri.

70. Jista' għalhekk jingħad li l-kwistjoni li tħoll u torbot kollox f'din il-kawża hija, jekk fil-mument li l-konvenuta ressqet iċ-ċedoli inkwistjoni, hija kinitx tgawdi minn titolu ta' *utile dominium* perpetwu fuq il-fond li għalih hija ressqet dawk iċ-ċedoli.

71. F'dan il-kwadru, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti għandha raġun tisħaq li s-sentenza tal-15 ta' Novembru, 1999, ma daħlitx fil-kwistjoni dwar b'liema titolu hija kienet qiegħda tgħammar fil-fond li għalih hija ressqet iċ-ċedoli inkwistjoni. Anzi, f'dik is-sentenza, il-Qorti qalet b'mod espliċitu li hija kienet sejra toqgħod lura milli tistħarreġ jekk il-konvenuta kinitx qiegħda tgħammar f'dak il-fond b'titolu ta' kirja. Il-kwistjoni dwar b'liema titolu l-appellanti kienet u qiegħda żżomm il-fond li qiegħda tgħix fih baqgħet għalhekk impreġudikata.

72. Il-Qorti tqis li l-appellanti qiegħda wkoll tgħid sewwa li wara li l-kawża nqatgħet fil-15 ta' Novembru, 1999, l-attur appellat ma ressaqx kontriha xi kawża oħra bil-għan li jiġi magħruf it-titolu li bih hija kienet qiegħda tgħammar fil-fond li għalih hija ressqet iċ-ċedoli inkwistjoni.

73. Tassew, l-oġġett u l-mertu tal-kawżi msemmija mill-attur fit-tweġiba għall-appell ma kellhomx l-għan li jiġi determinat it-titolu li bih l-appellanti kienet qiegħda tgħammar fil-fond li għalih ressqet iċ-ċedoli li l-attur qiegħed jattakka b'din il-kawża.

74. Biżżejjed jingħad li fis-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2008 fil-proċeduri bin-numru 207/2001/1NC, din il-Qorti sabet li l-fond mertu ta' dik il-kawża ma kienx l-istess wieħed li għalih tressqet il-kawża li nqatgħet fil-15 ta' Novembru, 1999. Barra minn hekk fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2008, din il-Qorti kkonkludiet li l-fond mertu ta' dik il-kawża, la kien propjetà ta' Michelangelo Camilleri u lanqas ma kien miżmum minn Victoria Azzopardi b'titolu ta' kirja (ara b'mod partikolari paragrafi 19, 22 u 23 tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2009, Dok FG8, f'paġni 176 sa 196 tal-atti tal-kawża).

75. B'żieda ma' dan kollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li lanqas ma jista' jingħad li hemm xi kontradizzjoni jew impossibbiltà ta' koeżistenza bejn

id-difiża li qajmet l-appellanti f'din il-kawża u dak li ġie deċiż bis-sentenza tal-15 ta' Novembru 1999, u sewwasew li: *«[i]l-fond numru 6 Sqaq numru 1 Triq Santa Luċi[j]a, Naxxar huwa proprjetà tal-attur [Michelangelo Camilleri].»*

76. Fis-sewwa, ma hemm l-ebda kontradizzjoni jew inkella impossibbiltà ta' koeżistenza bejn il-fatt li wieħed ikun proprjetarju u direttarju fl-istess waqt u dan fuq l-istess proprjetà.

77. Kemm hu hekk, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li *«d-direttarju huwa u jibqa' proprjetarju»* u dan minkejja li sakemm jibqa' ħaj l-enfitewsi, id-direttarju ma jibqagħlux uħud mill-fakoltajiet tal-proprjetà f'idejh (ara f'dan is-sens ***Attard Services Limited v. Olga Galea Naudi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023 u ***Richard England et v. Joseph Muscat*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2018).

78. F'dan il-każ, kemm iċ-ċedola ta' fidi ta' ċens, kif ukoll iċ-ċedola ta' depożitu taċ-ċens inkwistjoni tressqu fir-reġistru tal-Qorti fid-19 ta' Diċembru 2008 u fl-10 ta' Ottubru 2011, rispettivament, u għalhekk anke minn aspett kronoloġiku ma jistax jingħad li l-fatti ġuridiċi li wasslu għal din il-kawża setgħu b'xi mod jew ieħor ġew diskussi jew inkella missielta fil-kawża li nqatgħet fil-15 ta' Novembru, 1999.

79. Tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma tistax għalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti li hija ma setgħetx tieħu qies tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Victoria Azzopardi minħabba x-xkiel tal-ġudikat.

80. F'ċirkostanzi bħal dawn, jixraq li l-appell jiġi milqugħ u l-atti jerġgħu jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-mertu tal-kawża u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Victoria Azzopardi.

81. Dwar l-ispejjeż, il-Qorti jidhrilha li ladarba dan l-appell ġie xprunat minn deċiżjoni dwar eċċezzjoni li ma tqajmitx minn xi waħda mill-partijiet iżda mill-Qorti stess, hemm lok għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *error iudicis error partis,* u għalhekk kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha kemm ta' din il-proċedura kif ukoll dawk tas-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-konvenuta Victoria Azzopardi u b'hekk tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-16 ta' Ġunju, 2020 u tiċħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat kif imqajma mill-Ewwel Qorti bid-digriet kamerali tas-6 ta' Jannar, 2020.

Kull parti għandha terfa' l-ispejjeż tagħha kemm ta' din il-proċedura, kif

ukoll dawk tas-sentenza appellata.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna lir-Reġistratur sabiex malajr kemm jista' jkun, jibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti bil-għan li tiddeċiedi l-kawża fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Victoria Azzopardi.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm